

Brussell, 23 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

8666/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0803(NLE)

LIMITE

DENLEG 38
AGRILEG 105
SAN 256
CONSOM 140
RECH 196
MI 403
FOOD 51

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel li jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tal-katina alimentari

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li taħtar membri u membri supplenti
tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel
li jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tal-katina alimentari**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 25(1a), il-punt (c), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Kummissjoni Ewropea b'ittra datata t-12 ta' Marzu 2026,

Wara li kkunsidra l-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew b'ittra bid-data tal-4 ta' Ġunju 2026,

¹ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2002/178/oj>.

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 stabbilixxa l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), li għandha Bord ta' Ġestjoni bħala wieħed mill-korpi tagħha.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jirrikjedi li l-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA jinkludi erba' membri u erba' membri supplenti bid-dritt tal-vot bħala r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u tal-interessi tal-katina alimentari, jiġifieri membru wieħed u membru supplenti wieħed minn organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, membru wieħed u membru supplenti wieħed minn organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi, membru wieħed u membru supplenti wieħed minn organizzazzjonijiet tal-bdiewa, u membru wieħed u membru supplenti wieħed minn organizzazzjonijiet industrijali.
- (3) Il-membri u l-membri supplenti li jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tal-katina alimentari għandhom jinħatru mill-Kunsill f'konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew abbażi ta' lista mfassla mill-Kummissjoni u mibgħuta lill-Kunsill. Il-mandat tagħhom għandu jkun ta' erba' snin u jista' jiġġedded darba biss.
- (4) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2022², il-mandat tal-membri u l-membri supplenti maħtura biex jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tal-katina alimentari skont dik id-Deċiżjoni jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2026.

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-2 ta' Ġunju 2022 li taħtar membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel li jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tal-katina alimentari (ĠU C 225, 9.6.2022, p. 2).

- (5) Għalhekk, jenħtieġ li jinħatru rappreżentanti tal-interessi tas-soċjetà ċivili u tal-katina alimentari għal mandat ġdid ta' erba' snin, mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2030.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jirrikjedi li l-membri u l-membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA jiġu nominati u maħtura abbażi tal-esperjenza u l-għarfien espert rilevanti u estensiv tagħhom fil-qasam tal-liġi u l-politika dwar il-katina alimentari, inkluż il-valutazzjoni tar-riskji, filwaqt li jiġi żgurat li jkun hemm l-għarfien espert rilevanti fl-oqsma ta' kwistjonijiet manigġerjali, amministrattivi, finanzjarji u legali fi ħdan il-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA.
- (7) Il-lista mfassla mill-Kummissjoni ġiet eżaminata bil-ħsieb li jinħatru l-erba' membri u l-erba' membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA li jirrappreżentaw l-interessi tas-soċjetà ċivili u tal-katina alimentari, abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u fid-dawl tal-fehmiet espressi mill-Parlament Ewropew. Il-ħatra ta' daww il-membri u l-membri supplenti tkompli tiżgura l-ogħla standards ta' kompetenza u l-aktar firxa wiesgħa ta' esperjenza rilevanti disponibbli fi ħdan il-Bord ta' Ġestjoni tal-EFSA, vitali biex jiġu żgurati l-indipendenza, standards xjentifiċi għoljin, it-trasparenza u l-effiċjenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni li ġejjin huma b'dan maħturin bħala membri u membri supplenti tal-Bord ta' Ġestjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2026 sat-30 ta' Ġunju 2030:

Kategorija	Membri	Membri supplenti
Organizzazzjonijiet tal-konsumatur	Is-Sur Agustín REYNA	Is-Sa Izaskun MARTÍN CABREJAS
Organizzazzjonijiet ambjentali mhux governattivi	Is-Sur Martin DERMINE	
Organizzazzjonijiet tal-bdiewa	Is-Sur Max SCHULMAN	Is-Sur José María CASTILLA BARÓ
Organizzazzjonijiet tal-industrija	Is-Sa Roxane RÖTHLISBERGER FELLER	Is-Sur Alejandro David RODARTE CASTREJÓN

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
